Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Rikors Numru. 20/2005/1

**Il-Perit Duminku Mintoff sew propju kif ukoll bhala prokuratur ta' Jana Joan Mintoff Bland, u Anne McKenna Mintoff.**

**Vs**

**Water Services Corporation, Enemalta Corporation, Ministeru responsabbli ghall-Investimenti Industria u Teknologija ta' l-Informazzjoni, u l-Avukat Generali in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors tal-Perit Duminku Mintoff sew propju kif ukoll bhala prokuratur ta' Jana Joan Mintoff Bland, u Anne McKenna Mintoff,** li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-esponenti kienu u ghadhom fi kwistjoni ma' l-intimati dwar danni ngenti li dawn ikkawzaw lilhom fil-propjeta' taghhom meta ghamlu xogholijiet fit-triq u servizzi maghrufa bhala Xintill Street, Tarxien, li tigi t-triq fuq liema l-propjeta' tar-rikorrenti The Olives taghti, u liema r-rikorrenti skoprew (recentement) li fil-kors ta' dawn ix-xogholijiet gew danneggjati s-servizzi tad-dranagg bi swit u servjenti l-istess propjeta', u bhala konsgwenza ta' tali xoghol difettuz u negligenti maghmul mill jew fuq ordni ta' l-intimati gew danneggjati serjament il-gibja u gibjun appartenenti lill-istess rikorrenti u li jinsabu fl-istess propjeta', kif ukoll kellhom kontra l-istess intimati kreditu sostanzjali dwar liema huma kienu ga kanonizzati kredituri fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet il-Perit Duminku Mintoff et vs. Prim' Ministru li tinsab pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ghad-decizjoni;

Illi l-intimati Water Services Corporation u Enemalta Corporation kienu jippretendu l-hlas ta' kont ta' arretrati ta' elettriku u ilma li kien pretiz minnhom dovut mir-rikorrenti;

Illi r-rikorrenti kienu irrispondew li ebda ammont ma kien minnhom dovut u jekk xi ammont kien dovut dan kien jinsab kumpensat totalment mal-kreditu tar-rikorrenti li kien ghal ammont ferm ikbar minn dak pretiz mill-intimati;

Illi nonostante l-protesti tar-rikorrenti l-intimati ghaddew biex fuq ordni tal-Ministru koncernat jissospendu lir-rikorrenti s-servizz ta' elettriku u ilma li kien iservi l-propjeta' taghhom fuq imsemmija The Olives, Xintill Street, Tarxien;

Illi dina s-sospensjoni ta' servizzi essenzjali ta' elettriku u ilma kienet partikolarment gravuza billi l-propjeta' fuq imsemmija hija r-residenza privata tal-Perit Duminku

Mintoff, bniedem ta’ eta’ avvanzata, li s-sahha tieghu giet b’dan l-agir imqieghda in perikolu serju;

Illi s-servizzi gew biss ripristanti wara li l-kont pretiz abbuzivament mill-intimati thallas minn terzi kontra r-rieda ta’ l-istess Perit Mintoff li ppretenda li l-ebda ammont ma kien dovut;

Illi l-agir ta’ l-intimati kien diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti billi nies jew entitajiet ohra ma ttiehdetx fil-konfront taghhom l-istess tip ta’ azzjoni;

Illi dan l-agir jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ghall-hajja tieghu, ghall-privatezza ta’ daru u ghad-dritt tieghu li l-obbligi civili tieghu jigu determinati minn tribunal imparzjali u indipendenti u ghalhekk saru bi ksur ta’ l-artikolu 1,6,8 u 14 tal-konvenzjoni ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-artikolu 1 ta’ l-ewwel protokol ta’ l-istess konvenzjoni;

Illi fil fatt bil-mod kif agixxew il-korporazzjonijiet fuq imsemmija r-rikorrenti tpoggew f’impossibilita’ li jikkontestaw jekk l-ammont kienx dovut jew le, u gew ghalhekk negati lilhom id-dritt taghhom li l-kwistjoni jekk kellhomx jaghtu jew le tigi determinata minn tribunal indipendenti u mparzjali wara smiegh xieraq kif inhu d-dritt taghhom fil-ligi. Fil-fatt il-qtugh ta’ servizzi tant essenzjali ghalihom kien jammonta ghall-negazzjoni ta’ dan id-dritt billi tpoggew minghajr alternattiva u l-hlas kellu jsir billi sfurzat mis-sitwazzjoni li pprecipitaw l-awtoritajiet; illi dan il-fatt kien izjed gravuz fil-konfront tar-rikorrenti billi persuni ohra li kienu f’pozizzjoni anke ghar minn tar-rikorrenti, billi kien ikkontestat li kellhom jaghtu, ma nqatghaux lilhom is-servizzi essenzjali tad-dawl u l-ilma, u fil-konfront tar-rikorrenti ghalhekk giet perpetrata diskriminazzjoni bla ebda raguni jew bazi fil-ligi; illi f’tali sitwazzjoni r-rikorrenti jattribwixxu tali diskriminazzjoni ghall-fatt tal-opinjonijiet politici mhaddna mir-rikorrent Perit Duminku Mntoff; illi din id-diskriminazzjoni naqset sensibilment l-uzu u t-tgawdija tal-propjeta’ ta’ l-istess rikorrenti; illi inoltre huwa evidenti li fil-kaz ta’ bniedem ta’ certa eta’ li skomdu u tbatija li tali mizuri kkawzawlu kienu konsiderevoli;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghobha tiddikjara illi bl-agir fuq imsemmi gew vjolati d-drittijiet fondamentali ta' l-istess kif protetti mill-artikoli 1, 6, 8 u 14 tal-konvenzjoni ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-artikolu 1 ta' l-ewwel protocol ta' l-istess konvenzjoni u b'hekk joghgobha taghtihom dawk ir-rimedji opportuni u xierqa, inkluz kumpens ghad-dannu minnhom soffert, biex l-istess drittijiet taghhom jigu protetti.

Bl-ispejjes

Rat **ir-risposta tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma** a fol. 9 tal-process fejn issottomettiet:

Illi, preliminarjament jigi sottomess illi r-rikors odjern huwa wiehed intempestiv stante l-fatt illi r-rikorrenti naqsu, kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem, milli jezawrixxu r-rimedji ordinarji li tipprovdi l-ligi taghna ghall-lanjanzi taghhom, u ghaldaqstant ghandu jigi michud minn din l-Onorabbli Qorti.

Illi, l-Korporazzjoni esponenti, fit-12 ta' Frar, 2003, kienet formalment interpellat lill-Perit Duminku Mintoff, permezz ta' ittra ufficjali hawn annessa bhala "Dok 1", sabiex ihallas kont pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u l-elettriku gewwa l-propjeta' tieghu "The Olives", li tinsab gewwa Triq Xintil, Hal Tarxien.

Illi kuntrarju ghal dak sottomess fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qatt ma wiegbu l-imsemmija ittra ufficjali u qatt ma kkontestaw il-fatt illi tali kont kien dovut ghall-konsum minnhom, jew minn minnhom, maghmul.

Illi, r-rikorrenti qatt ma ghamlu ebda talba formali ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni allegatament sofferti minnhom gewwa l-propjeta' taghhom b'konsegwenza ta' xi xogholijiet maghmula mill-esponenti. Kien biss meta c-Chairman tal-Korporazzjoni, l-Perit Michael Falzon, iltaqa' personalment mal-Perit illi l-Perit Mintoff qajjem il-kwistjoni tad-danni. Ir-rikorrenti zgur illi ma ezawrixxewx ir-rimedji

lilhom provduti mill-ligi nostrana sabiex jirrivendikaw id-danni illi allegatament soffrew.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Perit Falzon, minghajr ma ammetta responsabilita’ ghad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti, ftiehem mal-Perit Mintoff illi kellu jibaghat xi haddiema tal-Korporazzjoni sabiex jezaminaw il-hsara u *ex gratia* jaghmlu x-xogholijiet necessarji sabiex din titranga. Ghalkemm dawn marru fuq il-post diversi drabi, l-Perit Mintoff dejjem baghathom lura u ma taghhomx cans jaghmlu xogholhom.

Illi, l-Perit Mintoff, talab illi x-xogholijiet kellhom isiru minn kuntrattur ta’ l-ghazla tieghu, u senjatament minn Polidano Brothers Ltd. Ghal darb’ ohra, l-esponenti accettat *ex gratia* it-talba tal-Perit, izda ghal darb’ohra il-Perit Mintoff ma ppermettiex illi l-impjegati tal-kuntrattur, minnu stess maghzul, jaghmlu l-imsemmija tiswijiet.

Illi, l-Korporazzjoni esponenti ma kienet bl-ebda mod partecipi fil-kawza fl-ismijiet il-Perit Duminku Mintoff vs Prim Ministru u ghaldaqstant ma tistax tifhem il-ghaliex ir-rikorrenti qieghdin jippretendu illi l-ammonti dovuti lilha jigu maqtugha kontra l-ammonti mertu ta’ dik il-kawza.

Illi, regolament numru 34 tar-Regolamenti tan-1984 dwar il-Fornitura ta’ l-Ilma, jistipula illi jekk xi flus dovuti lill-Korporazzjoni ghall-provvista ta’ l-ilma ghal xi raguni ma jithallsux fi zmien hmistax mid-data tal-kont, il-fornitura ta’ l-ilma tista’ tinqata’ u s-servizz jista’ jitnehha. Il-Korporazzjoni ghandha diskrezzjoni sabiex tiehu dawn il-mizuri u fil-kaz odjern jigi sottomess illi l-mizura drastika illi jitnehha s-servizz ittiehed biss wara illi saru diversi sforzi u komunikazzjonijiet minn naha ta’ l-esponenti sabiex jigi effetwat il-hlas dovut u wara illi r-rikorrent Perit Mintoff, ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas, ukoll permezz ta’ ittra ufficjali surreferita, baqa’ inadempjenti anzi verbalment iddikjara illi ma kellu ebda ntenzjoni illi jhallas l-ammonti minnu dovuti.

Illi, r-regolament 34 jirrifletti l-principju kuntrattwali bazilari rikonoxxut mill-gurisprudenza taghna ta’ *inademplendum*

*non est ademplendi*, fejn parti f'kuntratt bilaterali ma tibqax marbuta illi taqdi dmirha taht l-istess jekk il-parti l-ohra tonqos tonera l-istess ftehim.

Illi, la r-regolament u lanqas il-principju surreferit ma jirrikjedu illi l-inadempjenza tad-debitur tigi sancita' gudizzjarjament qabel ma' l-kreditur ikun jista' jissospendi jew jittermina s-servizz moghti minnu taht il-ftehim u ghaldaqstant l-esponenti ma tistax tifhem kif id-dritt tar-rikorrenti illi l-obbligi u d-drittijiet civili tieghu jigu decizi minnu tribunal indipendenti jinkwadra fic-cirkustanzi in kwistjoni jew kif dan lez.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi sottolineat illi kif diga' indikat iktar il' fuq, ir-rikorrenti ma kkontestawx guridizzjament l-ammonti minnhom dovuti lill-Korporazzjoni kif dawn kellhom kull cans illi jaghmlu, anzi kif sottomess mir-rikorrenti nfushom il-kontijiet in kwistjoni fil-fatt gew imhallsa u ghalkemm ir-rikorrenti issottomettew illi dan sar kontra l-volonta' tal-Perit Mintoff, jibqa' l-fatt illi l-ammonti in kwistjoni thallsu minghajr kundizzjoni b'mod illi l-mertu gie ezawrit.

Illi, l-Korporazzjoni esponenti tirribatti bil-qawwa kollha illi l-infurzar ta' dritt moghti lilha mill-ligi, skond u b'rispett assolut tal-parametri stipulati fl-istess ligi, jikkostitwixxi agir diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti ma jistghux jinvokaw it-twemmin politiku taghhom, illi wara kollox ma jistax jigi kkunsidrat f'dan l-istadju bhala ben risaput, sabiex jippretendu illi jigu ezentati mill-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-ligi nostrana.

Illi r-rikors promutur jonqos milli jsostni serjament kif id-dritt fondamentali ghall-hajja u d-dritt ghall-privatezza tar-rikorrenti gew allegatament miksura jew mitiefsa mill-esponenti u l-esponenti tirribatti dawn l-allegazzjonijiet bhala ngusti u kompletament infondati.

Ghaldaqstant il-Korporazzjoni esponenti titlob lil l-Onorabbli Qorti tichad ir-rikors u tirrespingi l-pretensjonijiet maghmula mir-rikorrenti fil-konfront taghha bhala

kompletament infondati fil fatt u fid-dritt u dan taht dawk il-provvedimenti illi din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat **ir-risposta tal-Ministeru responsabbli ghall-Investimenti Industrija u Teknologija tal-Informazzjoni u l-Avukat Generali** a fol. 12 tal-process fejn issottomettew:

**<u>Eccezzjonijiet preliminari</u>**

In linea preliminari l-Avukat Generali mhux il-leggittimu kontradittur in kwantu m'hemm ebda allegazzjoni dwar agir direttament jew indirettament imputabbli lilu u ghalhekk huwa gie interpellat inutilment u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Subordinament u wkoll in linea preliminari l-Ministru Responsabbli ghal l-Investimenti Industrija u Teknologija ta' l-Informazzjoni wkoll m'huwiex leggittimu kontradittur stante li huwa ma jindahalx fl-operat ta' kuljum tal-Water Services Corporation u ta' l-Enemalta u ghaldaqstant l-allegati fatti imputabbli ghal dawn iz-zewg korporazzjonijiet ma jistghux jigu attribwiti lilu b'xi mod; bhalma ghal l-istess raguni qed jichad kategorikament illi hu qatt ta xi struzzjonijiet biex lir-rikorrenti jissospendulu s-servizz tad-dawl u ta' l-ilma.

Inoltre u wkoll in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita' l-kompetenza kostituzzjonali taghha a tenur tal-proviso tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 4 tal-Kap 319 stante li r-rikorrent m'ezawriex ir-rimedji ordinarji ghad-dispozizzjoni tieghu.

**<u>Eccezzjonijiet fil-mertu</u>**

Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet taghhom ghandhom jigu respinti ghar-ragunijiet segwenti:

**<u>Ebda ksur ta' l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

Illi dan l-Artikolu huwa biss introduzzjoni ghall-lista ta' Drittijiet Umani l-istess bhalma huwa l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ghalhekk ma jistax jigi nvokat.

**<u>Ebda ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

Illi l-ksur ta' dan l-Artikolu qed jigi allegat in kwantu fi kliem ir-rikorrenti stess "tpoggew fl-impossibilita' li jikkontestaw jekk l-ammont kienx dovut jew le, u gew ghalhekk negati lilhom id-dritt taghhom li l-kwistjoni jekk kellhomx jaghtu jew le tigi determinata minn tribunal indipendenti u mparzjali wara smiegh xieraq"

Illi jigi rilevat primarjament illi minn informazzjoni li ghandhom l-esponenti r-rikorrenti kienu ilhom snin shah ma jhallsu l-kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma u allura jekk riedu jikkontestaw l-ammont dovut ta' l-arretrati kellhom l-opportunita' li jaghmlu dan fil-mument opportun, xi haga li mhux talli m'ghamlux talli lanqas qatt ma ressqu xi oggezzjoni jew kontestazzjoni formali ghall-hlas tal-kontijiet.

Illi altru mela milli tpoggew fl-impossibilita' li jikkontestaw jekk l-ammonti kienux dovuti jew le; ir-rikorrenti ghamlu snin shah kapriccozament passivi, jinqdew b'dawn is-servizzi essenzjali minghajr ma *se mai* jikkontestaw dawn l-ammonti fil-Qrati kif ghandu dritt jaghmel lkull cittadin, u mbaghad x'hin dehrilhom hargu jallegaw ksur ta' dritt taht dan l-Artikolu.

**<u>Ebda ksur ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

Illi mill-fatti biss kif esposti mir-rikorrenti wkoll jidher car illi ma sar ebda ksur tad-dritt ghar-rispett ghall-hajja privata u familjari taghhom.

Illi jekk ir-rikorrenti ghaddew xi gurnata jew tnejn minghajr is-servizzi tad-dawl u ta' l-ilma din kienet sitwazzjoni li pprovokaw huma stess bin-nuqqas taghhom li jew ihallsu

jew jikkontestaw l-ammont dovut fit-terminu stabbilit u allura ma kien hemm ebda "nterferenza" mill-intimati ghall-finijiet ta' dan l-Artikolu tal-Konvenzjoni.

Illi b'danakollu anke jekk kontra kull aspettativa kellu jigi dikjarat minn din l-Onorabbli Qorti illi l-agir tal-Korporazzjonijiet intimati kien jikkostitwixxi xi nterferenza din xorta ghandha fic-cirkostanzi tkun meqjusa bhala gustifikabbli ghax saret skond il-ligi u sabiex jigu protetti d-drittijiet tal-Korporazzjonijiet intimati bhala kredituri.

**<u>Ebda ksur ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

Illi r-rikorrenti qed jinvokaw dan l-Artikolu a bazi ta' l-allegazzjoni li persuni ohrajn li kienu f'pozizzjoni aghar minnhom ma nqatghalhomx is-servizzi tad-dawl u l-ilma.

Illi l-esponenti jirribattu dawn l-allegazzjonijiet stante li minn informazzjoni li ghandhom il-lista ta' nies li bhar-rikorrenti jibqghu ghal snin shah ma jhallsux il-kontijiet hija kompjuterizzata u meta jsir l-*enforcement,* dan isir b'mod indiskriminatorju ma' kull min ikun hemm fil-lista.

Illi lanqas tregi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li saret diskriminazzjoni politika maghhom. Ir-rikorrenti huma cittadini bhal l-ohrajn anzi fir-realta' id-diskriminazzjoni kienet issir mac-cittadini l-ohra kieku ma sarx l-*enforcement* kontra r-rikorrenti.

**<u>Ebda ksur ta' l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

Illi jigi rilevat li l-provvisti tad-dawl u ta' l-ilma m'humiex propjeta' tar-rikorrenti u sabiex ikunu jistghu igawduhom huma kellhom l-obbligu li jhallsu ghalihom, jew almenu jikkontestaw l-ammont dovut fit-terminu stipulat; filwaqt li l-fond in kwistjoni baqa' propjeta' tar-rikorrenti u allura setghu jibqghu jgawduh.

Illi pero' jekk ghal xi granet ir-rikorrenti ma gawdewx il-propjeta' taghhom b'mod shih ghax kienu minghajr dawl u

ilma certament din il-privazzjoni ta' tgawdija certament ma tiffigurax fil-kuntest ta' dan l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol ghax m'hijiex imputabbli lil xi hadd mill-intimati illi wara kollox, in kwantu ghal korporazzjonijiet intimati kienu sempliciment qeghdin jimxu skond il-proceduri applikabbli ghal min ma jhallasx dak li hu dovut minghajr gustifikazzjoni.

Jigi rilevat finalment illi in kwantu ghall-pretensjoni tar-rikorrenti illi fi kwalunkwe kaz kellu jkun hemm tpaccija bejn l-ammont dovut bhala hlas tal-kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma u l-allegata ''somma kanonizzata'' favur taghhom f'kawza quddiem Qorti diversament preseduta din hija nfondata stante illi mhux biss l-allegat debitur fil-kawza l-ohra huwa differenti, talli l-allegat debitu la hu cert u lanqas likwidu u dovut stante appell pendenti dwaru quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Illi noltre in vista tal-perjodu qasir illi l-esponenti kellhom sabiex iressqu r-risposta taghhom huma jirrizervaw illi jressqu risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat ir-**Risposta tal Korporazzjoni Enemalta** a fol. 20 tal-process fejn issottomettiet:

Illi fl-ewwel lok din l-Onorabbli Qorti ghandha taghzel li ma tinqedix bis-setgha kostituzzjonali taghha ghax ir-rikorrenti kellhom rimedju tajjeb u bizzejjed taht ligi ordinarja li huma ma ezawrewx qabel ma' rrikorrew ghal dan ir-rimedju straordinarju.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost mhux veru li kien hemm xi ksur ta' l-artikoli 1, 6, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jew ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol ta' l-istess Konvenzjoni kif allegat mir-rikorrenti.

Illi *in oltre*, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandu jinghad mill-ewwel illi fil-konfront tal-Korporazzjoni esponenti l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma tistax tigi nvokata mir-rikorrenti. Dan huwa ‘introductory article’ fl-imsemmija Konvenzjoni li jghid hekk:

“The High Contracting Parties shall secure to everyone with their jurisdication the rights and freedoms defined in Section 1 of this Convention.’’

Illi dan l-artikolu ghalhekk jirreferi ghal obbligu tal-partijiet ghal Konvenzjoni. certament li l-Korporazzjoni esponenti m’hix parti mill-imsemmija Konvenzjoni. L-esponenti m’ghandha l-ebda obbligu taht dan l-artikolu u konsegwentement ma setghatx tikser dan l-istess artikolu.

Illi certament s-servizz li tipprovdi l-Korporazzjoni esponenti huwa servizz *a pagamento*. Hija l-ligi stess *ai termini tal-Kap. 272* u r-Regolamenti mahruga taht l-istess, li taghti d-dritt lill-istess Korporazzjoni li tohrog kontijiet ghas-servizz moghti lill-klijenti taghha u li f’kaz li dawn ma jithallsux, tissosspendi s-servizz sakemm jithallsu l-kontijiet pendenti. Fil-fatt, ir-Regolament 73 ta’ l-Electricity Supply Regulations and Rules jghid li tali sospensjoni tista’ *ssir ‘without any previous notice being givien*.’

Illi madankollu l-Korporazzjoni esponenti xorta wahda tal-pre-avviz sufficjenti lir-rikorrenti, u dan kif taghmel dejjem f’sitwazzjonijiet simili mal-klijenti kollha taghha li bhar-rikorrenti ma jkunx hallsu l-kontijiet ghas-servizzi li jkunu hadu mill-Korporazzjoni esponenti.

Illi fil-kaz in kwistjoni l-ahhar kont tar-rikorrenti ghas-servizz moghti lilhom ta’ dawl u ilma kien thallas fis-16 ta’ Dicembru 1997. Fil-25 ta’ Jannar 2001 u fil-5 ta’ Frar 2001 kienu ntbaghtu ittri lil Perit Mintoff f’liema gie avzat illi fin-nuqqas li jhallas il-kontijiet pendenti tieghu, li sa dik id-data kienu jammontaw ghal tmien mija u tlieta u sebghin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm873.73), ser ikollu jinqatghalu s-servizz.

Illi f'dan is-sens ukoll, fl-20 ta' Frar 2003 huwa gier notifikat b'ittra ufficjali datata 12 ta' Frar 2003 mibghuta mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha u f'isem il-Koporazzjoni esponenti wkoll.

Illi certament ir-rikorrenti kellhom kull dritt li jekk kellhom xi kontestazzjoni dwar il-kontenut ta' dawn l-ittri interpellatorji jirrisponduhom u jghidu ghaliex ma' kellhomx ihallsu tas-servizzi li huma hadu mis-sena 1997 'l quddiem. Izda r-rikorrenti ghazlu li jinjoraw ir-rikjesta ghall-hlas leggittimament maghmula mill-Korporazzjoni esponenti u qatt ma rrispondew ghal l-imsemmija ittri jew ikkontestaw formalment il-kontijiet. Sahansitra l-Perit Mintoff ma rrispondiex ghal l-ittra ufficjali tat-12 ta' Frar 2003.

Illi f'Gunju tat-2003 r-rikorrenti regghu avzati permezz ta' ittra mill-Korporazzjoni esponenti li fin-nuqqas li jhallas il-kontijiet pendenti tieghu kien ser jigi sospiz lilu s-servizz.

Illi minkejja dawn l-ittri u l-kontijiet pendenti, li r-rikorrenti ghazlu li ma jirrispondux u ma jhallsux, ir-rikorrenti xorta baqghu juzaw is-sevizzi tal-Korporazzjoni esponenti tant li sa t-2 ta' Novembru 2004 huma tellghu kont ta' elf, mitejn u tletin Lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm1,230.97).

Illi kien biss f'dan il-punt, fit-2 ta' Novembru 2004, li l-Korporazzjoni esponenti ma kelliex triq ohra hlif li tissosspendi s-servizz li hija tipprovdi fil-propjeta' The Olives' Xintill Street, Tarxien u dan ghaliex id-dawl u l-ilma uzat f'din il-propjeta' kien ilu ma jithallas mis-sena 1997 u d-diversi pre-avvizi ghall-hlas ta' dan il-kont baqghu jigu njorati.

Illi ghalhekk m'huwiex minnu dak li jghidu r-rikorrenti fit-tieni paragrafu tar-rikors taghhom. Fil-verita' huma qatt ma rrispondew lill-Korporazzjoni esponenti ghal ittri u avvizi li kienet tibghatilhom, u qatt ma kkontestaw formalment il-kontijiet mahruga mill-Korporazzjoni esponenti.

Illi certament l-ebda klijent tal-Korporazzjoni esponenti m'ghandu xi dritt jippretendi li juza s-servizz taghha b'xejn. Huwa inverosimili kif ir-rikorrenti pretendew li ghandhom jiehdu sevizz ta' dawl u ilma ghal seba' snin shah bla qatt ma jhallsu taghhom bhal ma' jaghmlu l-bqija tac-cittadini Maltin l-ohra.

Illi ghal dak li jinghad f'paragrafu hamsa tar-rikors promotur, il-kont ta' elf, mitejn u tletin Lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm1,230.97) pretiz mill-Korporazzjoni esponenti u mill-Korporazzjoni l-ohra ntimata ghas-Servizzi ta' l-Ilma, ghal servizz ta' dawl u ilma fir-residenza privata tar-rikorrenti ghal seba' snin shah, certament ma jistax jitqies bhala 'pretiz abbuzivament', kif jaghmlu r-rikorrenti. Ir-rikorrenti qatt ma kkontestaw li f'dawk is-seba' snin kienu fi-fatt ghamlu uzu mid-dawl u ilma fil-propjeta'. Anzi fir-rikors promotur stess jikkonfermaw li l-propjeta' in kwistjoni hija r-residenza privata tal-Perit Mintoff u ghalhekk m'hemmx dubju li f'din il-propjeta' kienu jintuzaw dawn is-sevizzi.

Illi s-servizz tal-Korporazzjoni esponenti gie sospiz fit-2 ta' Novembru 2004. Fl-4 ta' Novembru 2004 gew imhallsa fuq il-kont tar-rikorrenti l-ammonti ta' Lm357 u Lm873 u dik il-gurnata stess ir-rikorrenti regghu bdew jinghataw is-servizz. Certament li s-sospensjoni tas-servizz ta' l-esponenti ghal gurnata wahda ma setax iwassal li jqieghed is-sahha tal-Perit Mintoff in periklu serju kif jinghad fir-raba' paragrafu tar-rikors promotur. *In oltre* din is-sitwazzjoni gabha fuqu l-istess Perit Mintoff billi qatt ma hallas il-kontijiet pendenti ghas-servizzi tad-dawl u l-ilma li huwa kien qed jiehu, u ghalhekk certament ma tistax tkun xi responsabbilita' attribwibbli lil esponenti.

Illi kif suespost is-sospensjoni tas-servizz tad-dawl jekk ma jithallsux kontijiet pendenti huwa dritt tal-Korporazzjoni esponenti li hija taddotta minghajr ebda diskriminazzjoni versu kull klijent taghha li jkun fl-istess sitwazzjoni tar-rikorrenti. L-esponenti, ghalhekk, tirrespingi kull allegazzjoni, li ghal darba ohra, saret gratwitament mir-rikorrenti, li sehhet xi diskriminazzjoni fil-konfront taghhom.

Illi barra minn dan jekk ir-rikorrenti qed jallegaw li saret xi diskriminazzjoni maghhom dawn iridu jgibu prova ta’ dan.

Illi r-rikorrenti jippretendi fir-rikors tieghu li dak dovut minnu ghas-servizz ta’ dawl u ilma kellu b’xi mod jigi pjacut ma’ xi kreditu li skond hu huwa dovut mill-intimati. Izda bir-rispett kollu din il-pretensjoni tar-rikorrenti m’ghandu l-bazi fil-ligi.

Illi fil-ligi taghna meta tnejn minn nies huma debituri lejn xulxin issir tpacija bejniethom. Wiehed ikun debitur ta’ l-iehor meta l-ammont ikun cert, likwidu u dovut. Ghalhekk sabiex tista’ ssir tpacija jehtiegu zewg elementi: l-istess zewg persuni jkunu debituri ta’ xulxin, u zewg ammonti li t-tnejn ikunu certi, likwidi u dovuti. Il-pretensjoni tar-rikorrenti ma tikkwadra l-ebda minn dawn iz-zewg elementi.

Illi fl-ewwel lok, is-sentenza li qed jirreferu ghaliha r-rikorrenti hija kontra l-Prim Ministru li certament m’ghandu x’jaqsam xejn f’din il-kawza. Tant hu hekk li l-Prim Ministru lanqas biss hu mharrek fil-kawza odjerna. Ghahekk filwaqt li l-Prim Ministru, fil-kawza l-ohra quddiem il-Qorti Kostituzzjonali jista’ jkun li jigi kanonizzat debitur tar-rikorrenti, ir-rikorrenti zgur li ma kellhomx ihallsu l-kont tad-dawl u l-ilma lill-Prim Ministru !

Illi fit-tieni lok, kif jghidu r-rikorrenti stess, is-sentenza fl-ismijiet Perit Duminku Mintoff et vs Prim Ministru bhalissa ‘tinsab pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ghad-decizjoni’ u ghalhekk certament ma jistax jinghad kif ghamlu r-rikorrenti li huma ‘kanonizzati kredituri’’ ta’ l-intimati ghax is-sentenza li ghaliha jirreferu m’hix *res judicata*.

Illi ghalhekk fin-nuqqas ta’ dawn iz-zewg elementi necessarji biex issir tpacija, r-rikorrenti m’ghandhom l-ebda dritt jippretendu li saret xi tip ta’ tpacija.

Illi ghal dak li jirrigwardja xi danni allegatament sofferti f’xi gibja propjeta’ tar-rikorrenti, minbarra li mhux car u lanqas

spjegat fir-rikors promotur dak li qed jippretendu li soffrew ezattament ir-rikorrenti, l-esponenti tissottometti bir-rispett li dak kollu sottomess mir-rikorrenti f'dan ir-rigward huwa biss allegazzjoni gratwita li qed tigi respinta bl-aktar mod kategoriku u certament ma sservix ta' bazi ghal ebda tip ta' tpacija kif jippretendu r-rikorrenti.

Illi fl-ahhar l-esponenti tissottometti umilment li hija giet notifikata bir-rikors promotur lejliet l-ewwel dehra quddiem din l-Onorabbli Qorti, u cioe' fil-5 ta' April 2005 wara nofsinhar, u ghalhekk qeghda tirriserva li taghmel dawk is-sottomissjonijiet ulterjuri li jistghu ikunu necessarji.

Ghaldaqstant, il-Korporazzjoni esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tirrespingi l-pretensjonijiet maghmula mir-rikorrenti fil-konfront taghha bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dan taht dawk il-provedimenti illi din il-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi dan ir-rikors thalla ghal lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ta' l-intimati dwar n-nuqqas ta' uzu ta' rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u l-eccezzjoni dwar il-legittimu kontradittur, kif ukoll biex jinghata provvediment dwar ir-rikors 1534 (a fol 94) li bih ir-rikorrenti talbu r-revoka ta' digriet precedenti ta' dina l-Qorti tad-19 ta' Ottubru 2005 (ara fol 50).

**<u>Rikors 1534</u>**

Illi r-rikorrenti kienu talbu permezz ta' rikors (a fol 50) biex konguntement mal-lanzjanzi avvanzati fir-rikors promotur, dina l-Qorti tikkunsidra wkoll il-lanjanzi addizzjonali ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti skond il-

provvediment ta' l-artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 8 u l-artikolu 1 ta' l-ewwel skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja.

L-intimati kienu opponew dina t-talba (ara fol 60 u 62) u bid-digriet fuq imsemmi dina l-Qorti kienet cahdet it-talba.

Ir-rikorrenti ghamlu rikors iehor (numru 1534) ara fol 94 fejn talbu li dina l-Qorti tirrevoka d-digriet fuq imsemmi a bazi tal-fatt li l-Avukat Generali bhala parti f'dawn il-proceduri ghandu r-rappresentanza tal-Gvern ta' Malta u ghalhekk l-ilmenti maghmula minnhom jistghu jigu konsidrati fil-konfront ta' l-istess intimat bhala rappresentant tal-Gvern.

Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti kienu allegaw li nkisrulhom id-drittijiet fondamentali taghhom ghax l-intimati Water Services Corporation, Enemalta Corporation, Ministeru responsabbli ghall-Investimenti Industrija u Teknologija ta' l-Informazzjoni, u l-Avukat Generali in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta, ikkagunawlhom hsara fil-propjeta' taghhom, kif ukoll qatghulhom id-dawl u l-ilma.

Fir-rikors a fol 50 ir-rikorrent qed jilmenta ukoll li qed jigi spoljat, derubat u danneggjat ripetutament fir-rigward tal-possedimenti tieghu u mhux qed jinghata protezzjoni; li qed jigi trattat b'mod diskriminatorju; li ma sarx ix-xoghol miftiehem; li nkisru id-dritt tal-privatezza tad-dar, u dritt ta' propjeta'; li l-qabar tal-familja fic-Cimiterju gie profanat; li ma gewx transatti kwistjonijiet li ghandu mal-Gvern; li nghata onorificenza minghajr ma gie infurmat; servizz tat-telephone u fax qed jigi intercettat u posta kultant *tampered with*.

Illi jirrizulta li parti mis-suppost lanzjanzi addizzjonali tar-rikorrenti jinsabu koperti mir-rikors promotur mentri lanjanzi ohra huma diretti kontra persuni u entitajiet estraneji u li m'humiex parti f'dana r-rikors u li mhux necessarjament iridu jigu rapprezentati mill-Avukat Generali f'dina l-azzjoni. L-artikolu 181B tal-Kap 12 jipprovvdi li l-Avukat Generali jirrapprezenta l-Gvern

f'dawk l-atti fejn minhabba n-natura taghhom dawn ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti tal-Gvern, li mhux il-kaz.

Ghalhekk it-talba kontenuta fir-rikors numru 1534 qed tigi michuda.

**Legittimu kontradittur**

B'risposta ghar-rikors promutur l-intimat l-Avukat Generali wiegeb li hu mhux il-leggittimu kontradittur in kwantu m'hemm ebda allegazzjoni dwar agir direttament jew indirettament imputabbli lilu. Il-Ministru Responsabbli ghal l-Investimenti Industrija u Teknologija ta' l-Informazzjoni eccepixxa li mhux il-leggittimu kontradittur stante li huwa ma jindahalx fl-operat ta' kuljum tal-Water Services Corporation u ta' l-Enemalta u ghaldaqstant l-allegati fatti imputabbli ghal dawn iz-zewg korporazzjonijiet ma jistghux jigu attribwiti lilu b'xi mod; bhalma ghal l-istess raguni cahad ukoll illi hu qatt ta xi struzzjonijiet biex lir-rikorrenti jissospendulu s-servizz tad-dawl u ta' l-ilma. Ghalhekk il-Water Services Corporation u l-Enemalta huma l-legittimi kontradittturi li jistghu jirrispondu adekwament ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Kwantu ghall eccezzjoni ta' l-Avukat Generali, kif gja inghad aktar 'l fuq, skond l-artikolu 181 B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, imma l-Avukat Generali jirrapprezenta lil Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

Illi f'dan il-kaz l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur billi l-intimati l-ohra gew imharrkin tajjeb u jistghu jwiegbu adegwament ghall lanjanzi li r-rikorrenti jsemmu fir-rikors promutur taghhom.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-emendi ghal Artikolu 181 tal-Kap 12 u l-insenjament tal-gurisprudenza in materja , jidher li l-

eccezzjoni ta’ l-intimat Avukat Generali ghandha tigi milqugha u jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Kwantu ghall Ministru responsabbli ghall-Investimenti Industrija u Teknologija ta’ l-Informazzjoni, r-rikorrenti qed jissottomettu li d-decizjoni li jaqtghu d-dawl u l-ilma lir-rikorrenti, ma ttiehditx mill-intimati imma minn awtorita’ superjuri ghal korporazzjonijiet li geghlithom jaghmlu dan. Skond ir-rikorrenti din l-Awtorita’ hija l-Gvern u kien hemm indhil mill Ministru personalment. Ghalhekk il-Ministru ghandu jkun f’din il-kawza billi ttiehdu decizjonijiet governattivi u mhux tal-korporazzjonijiet.

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li kien hemm indhil personali tal-Ministru u li kien hu li tah l-ordni biex jinghqatalu d-dawl u l-ilma lir-rikorrenti, hija f’dan l-istadju biss allegazzjoni u ghad trid tigi pruvata. Ghalhekk f’dan l-istadju l-Qorti, li ghadha semghet biss xi provi da parti tar-rikorrent ma  hiex f’posizzjoni li tiddeciedi li effettivament l-Ministeru mhux il-legittimu kontradittur.

**Rimedji Ordinarji**

L-intimati kollha eccepew li l-Qorti ghandha  tiddeklina milli tezercita’ l-kompetenza kostituzzjonali taghha a tenur tal-provviso tas-subinciz (2) ta’ l-Artikolu 4 tal-Kap 319 stante li r-rikorrent m’ezawriex ir-rimedji ordinarji ghad-dispozizzjoni tieghu.

Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser u ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta’ ksur lamentat[1].

M’hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se jaghti lir-rikorrent success

[1] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawza fl-ismijiet *Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et* (Kollez. Vol: LXXV.i.106).

garantit, bizzejjed il jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci[2];

In-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu;

Illi d-diskrezzzjoni li l-Qorti taghzel li tiehu jekk twettaqx jew le s-setghat taghha kostituzzjonali biex tisma' kawza ghandha tigi ezercitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setghat [3]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tohloq bilanc biex, mill-banda l-wahda, twaqqaf lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali, u mill-banda l-ohra zzomm milli jigi mahluq xkiel bla bzonn lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[4]."

L-ilmenti tar-rikorrenti huma li bil-mod kif agixxew il-korporazzjonijiet imsemmija huma tpoggew f'impossibilita' li jikkontestaw jekk l-ammont li gie mitlub minnhom biex jithallas kienx dovut jew le, u ghalhekk gie negat lilhom id-dritt li din il-kwistjoni jekk kellhomx jaghtu jew le, tigi determinata minn tribunal indipendenti u mparzjali wara smiegh xieraq kif inhu d-dritt taghhom fil-ligi. Huma jirritjenu li l-qtugh ta' servizzi tant essenzjali ghalihom kien jammonta ghall-negazzjoni ta' dan id-dritt billi tpoggew minghajr alternattiva u l-hlas kellu jsir billi gie sfurzat mis-sitwazzjoni li pprecipitaw l-awtoritajiet.

[2] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawza fl-ismijiet *Clifton Borg v. Kummissarju tal-Pulizija* .
[3] Kost. **14.5.2004** fil-kawza fl-ismijiet *David Axiaq v. Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku.*
[4] Kost. **31.10.2003** fil-kawza fl-ismijiet *Mediterranean Film Studios Limited v. Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et.*

Illi r-rikorrenti qed jippretendu li huma ma kellhomx ihallsu l-kont li kienu qed jitlobu l-korporazzjonijiet imsemmija ghaliex, jekk kien hemm xi ammont li kien dovut, dan kien jinsab kumpensat totalment mal-krediti (ez hsara fil-drenagg fid-dar Hal Tarxien u l-kawza fuq l-Gharix) li kellhom ghal ammont ferm ikbar minn dak pretiz mill-intimati. Il-kwistjoni hija jekk persuna li jkollha kontestazzjoni fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tistax tigi privata mid-dritt tal-possedimenti tal-propjeta' taghha billi jinqatalha s-servizzi essenzjali ghaliha.

L-intimati qed jissottomettu li r-rikorrenti setghu kkontestaw dawn il-kontijiet tad dawl u l-ilma li kienu qed jintbghatulhom imma huma ma ghamlu xejn u lanqas wiegbu l-ittri interpellatorji biex ighidu ghaliex ma' kellhomx ihallsu tas-servizzi li huma hadu mis-sena 1997 'l quddiem u lanqas ma kien irrispondew l-ittra ufficjali tat-12 ta' Frar 2003. Ir-rikorrenti ghazlu li jinjoraw ir-rikjesta ghall-hlas. F'Gunju tat-2003 r-rikorrenti kienu regghu gew avzati permezz ta' ittra mill-Korporazzjoni esponenti li fin-nuqqas li jhallsu l-kontijiet pendenti kien ser jigi sospiz lilhom is-servizz tad-dawl u l-ilma. Ir-rikorrenti xorta baqghu juzaw is-servizzi tal-Korporazzjoni u sat-2 ta' Novembru 2004 huma tellghu kont ta' elf, mitejn u tletin Lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm1,230.97). Imbaghad il-Korporazzjoni ddecidiet li a bazi tal-Kap*. 272* u r-Regolamenti mahruga taht l-istess, *(ara Reg: 73)* u wara li tat pre-avviz lir-rikorrenti, iddecidiet li tissospendi s-servizz sakemm jithallsu l-kontijiet pendenti. Is-servizz gie repristinat wara jumejn meta l-kont thallas minn terzi kontra r-rieda ta' l-istess rikorrenti li ppretenda li l-ebda ammont ma kien dovut.

L-eccezzjoni ta' l-intimati hi fis-sens li r-rikorrenti kellhom jutilizzaw r-rimedju ordinarju ghall ksur minnhom allegat u mhux jaghmlu kawza kostituzzjonali.

Illi jirrizulta li r-rikorrenti kien ilhom ma jhallsu l-kontijiet tad-dawl u ilma ghal snin shah u ma jikkontestawhomx mal-Korporazzjoni u lanqas ma kienux jirrispondu l-ittri interpellatorji li kienet tibghatilhom il-Korporazzjoni. Ir-rikorrenti baqghu snin shah ma jaghmlu xejn u jinqdew

bis-servizzi tad-dawl u l-ilma minghajr ma jhallsu, minghajr ma jikkontestaw il-kontijiet, minghajr ma jwiegbu l-ittri tal-Korporazzjoni u minghajr ma jikkontesaw dawn l-ammont fil-Qorti. B'dan l-agir huma poggew lill korporazzjoni f'posizzjoni li kellha tiehu l-passi drastici li hadet. Imbaghad meta l-Korporazzjoni hadet dawn il-passi u qatghet id-dawl u l-ilma lir-rikorrenti, dawn ilmentaw li nkisrilhom id-drittijiet fondamentali taghhom meta fil-fatt is-sitwazzjoni kienu pprecipitawha huma stess bin-nuqqas taghhom li jikkontestaw l-ammont mitlub.

Illi l-ezistenza ta' rimedju iehor trid titqies fiz-zmien ta' l-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiz-zmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[5]. M'huwiex moghti lil persuna l-beneficcju li l-ewwel thalli jghaddi ghalxejn iz-zmien li fih setghet tiehu r-rimedju ghall-ksur tal-jedd taghha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bhallikieku l-procedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wiehed jista' jirrikorri ghalih biex isewwi zball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[6].

Illi f''dan il-kaz ir-rikorrenti qatt ma kkontestaw l-ammont mitlub, qatt ma kkontesaw l-kontijiet quddiem il-qrati ordinarji u lanqas ma kkontestaw il-ligi li taghti l-poter lill Korporazzjoni li taqta' s-servizz tad-dawl u l-ilma. Ir-rikorrent lanqas ma rrikorrew ghall misura kawtelatorja biex izommu lill Korporazzjoni milli tiehu l-passi li heddet li tiehu bhal per ezempju b'talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

Wara kollox kif gie deciz fil-kawza Qorti Kostituzzjonali "Sammut vs Awtorita ta' l-Ippjanar" l-fatt li ghemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fondamentali <u>ma jfissirx necessarjament li l-uniku rimedju effettiv</u> huwa dak "kostituzzjonali" wara procedura skond is-subartikoli (1) jew (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew id-disposizzjonijiet analogi tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Kieku

[5] Kost. **9.10.2001** fil-kawza fl-ismijiet *Paul McKay v. Kummissarju tal-Pulizija et.*
[6] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawza fl-ismijiet *Spiteri v. Chairman Awtorita` tal-Ippjanar et* (Kollez. Vol: LXXXIII.i.201).

kien hekk, il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 kienu jkunu superfluwi jew addirittura bla sens[7]. In fatti dana l-proviso jippostula ukoll ksur tad-drittijiet fondamentali (*"…ghall-ksur allegat…"*) izda li minkejja dan *"…mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli skond xi ligi…ohra…"*.

Il-legislatur ma riedx li jsiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn u l-Prim Awla tigi inundati b'kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra jew li ghalihom ikun hemm rimedju effettiv taht xi ligi ohra,

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju ghall ksur minnhom allegat u mhux jaghmlu kawza kostituzzjonali.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba kontenuta fir-rikors numru 1534;
Tillibera lill intimat Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhux il-legittimu kontradittur f'dina l-istanza;
U tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha billi hija sodisfatta li r-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarju ghall ksur allegat minnhom.

Spejjez ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

[7] Ara f'dan ir-rigward is-sentenza Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet ***Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et.***; kif ukoll is-sentenza tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet ***Teddy Rapa v. Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar et.***

---------------------------------TMIEM---------------------------------